*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

# Rapport ta' Ħidma

# tal-Kunsill Lokali ta'

# Ħaż-ŻEBBUĠ

# *Città Rohan*

***Laqgħa tal-Pubbliku, is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2015.***

# 1. Dahla

Dan ir-rapport ikopri ħidma ta' 12-il xahar. Jiġifieri minn Ottubru 2014 sa Settembru, 2015.

Dan ir-rapport kien approvat mill-Kunsilliera waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-1 ta' Ottubru 2015 skont id-dizpożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

F'April 2015 saret l-elezzjoni tal-Kunsill gewwa Haz-Zebbug, elezzjoni li gabet tibdil fil-komposizzjoni tal-membri tal-Kunsill kif ukoll tibdil fis-Sindikat. Ringrazzjament imur lill-Kunsilliera li llum m'ghadhomx fil-Kunsill, kemm jekk kienet decizjoni taghhom u kemm jekk kienet ir-rieda tal-poplu. Nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill uxxenti li kien taht it-tmexxija tal-ex-Sindku Alfred Grixti, filwaqt li nawgura l-hidma t-tajba lill-Kunsill il-gdid taht it-tmexxija tas-Sindku Sarah Agius.

Kienu tnax-il xahar impenjattivi hafna, kemm minhabba l-elezzjoni kif ukoll minhabba li dan l-ezercizzju demokratiku zewwaq il-Kunsill Lokali taghna bi spirtu zaghzugh, fejn tajjeb li nghidu li zewg terzi tal-Kunsilliera ghandhom taht it-tletin sena, u t-terz l-iehor huwa maghmul minn kunsilliera li b' l-esperjenza illi akkumulaw fil-hajja taghhom zgur li qed iservu ta' ghajnuna kbira fid-decizjonijiet li qeghdin jigu mehuda.

# *2. Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera*

F'din il-legislatura, ir-responsabilitajiet gew mqassma hekk;

| KUNSILLIER | RESPONSABBILTÀ |
|---|---|
| **Sarah Agius**<br>(Sindku) | Direzzjoni Generali u Kordinament tal-Hidma Kollha tal-Kunsill, Pjan ta' Zvilupp, Relazzjonijiet Pubblici u mal-Media, Finanzi, LES u Customer Care |
| | |
| **Alfred Grixti**<br>(Viċi-Sindku) | Edukazzjoni, Librerija Pubblika, Gemellaggi u Relazzjonijiet ma' Entitajiet Esteri, Relazzjonijiet mal-Kommunitajiet Zebbugin. |
| | |
| **Roderick Aquilina** | Drittijiet tal-Konsumatur u tac-Cittadini, Affarijiet Legali, Indafa Pubblika, Urbana u Rurali, Widien u Biedja – Ambjent. |
| | |
| **Clive Azzopardi** | Teknologija tal-Informatika, Fondi Ewropej, Kultura u Turizmu |
| | |
| **Christopher Bongailas** | Infrastruttura u Progetti Kapitali, Street Lighting |

| | |
|---|---|
| | |
| **Vernalise Bartolo** | Zghazagh, Tfal, Sport, Facilitajiet Sportivi u Ghaqdiet Zebbugin |
| | |
| **George Cortis** | Kommunita' Kummercjali u Self-Employed, Transport Pubbliku |
| | |
| **Kevin Glynn** | Accessibilita' u Persuni bi Bzonnijiet Specjali |
| | |
| **SAID Philip** | Sahha, Anzjani u Patrimonju Zebbugi |

## *3. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

Kull Kunsill Lokali jaqa' taht id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kunsilli Lokali li ghandhom disa' kunsilliera bhal m'huwa taghna, jista' jkollu sa' hames haddiema, fosthom is-Segretarju Ezekuttiv. Huma erba' haddiema li bhalissa qeghdin jaghtu s-servizz taghhom fil-Kunsill Lokali; il-Works' Co-Ordinator u zewg haddiema klerikali, kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv. Il-kaz li qieghed quddiem il-Qrati taghna dwar allegat abbuz minn wiehed mill-haddiema tal-Kunsill ghadu ghaddej. Fil-frattemp dan il-hames haddiem, jinsab sospiz b'nofs paga wara direzzjonijiet li rcevejna mid-Dipartiment, sakemm ma tittiehed decizjoni mill-Qorti.

# *4 Punti importanti*

## *4.1* Talba sabiex isiru traffic lights fejn ir-roundabout ta' Mikiel Anton Vassalli

Tul dawn l-ahhar sentejn, il-Kunsill Lokali insista kemm-il darba ma' Transport Malta sabiex jitwehhlu dawn it-traffic lights li jaffettwaw direttament lil kull min ikun hiereg minn Haz-Zebbug. Kif kulhadd jaf dawn il-lights, huma essenzjali mhux biss sabiex forsi xi darba tinghata cans li tohrog minn Haz-Zebbug, izda anke minhabba li tkun qed tistieden incident sakemm ma jirnexxielek tohrog sar-rawndebawt.

Konna hsibna li ser naslu x'imkien, meta ntbaghat wiehed mill-Periti ta' Transport Malta fuq il-post u diversi haddiema ohra tat-TM, fejn sahansitra l-informazzjoni li kienet waslitilna hija li dawn anke kienu bdew jinhadmu fil-garaxx tat-TM stess. Izda minkejja dan kollu, u minkejja li dawn suppost ilhom li twehhlu, s'issa dan ghadu ma sarx. Qatt ma nghatajna l-ebda raguni bil-miktub ghala dan qatt ma sar. Ma jfissirx li ahna ser nieqfu hawn. L-insistenza taghna ser tibqa ghaddejja. Temporanjament ghamilna arrangamenti mal-Pulizija sabiex jassistu fil-hrug minn Haz-Zebbug fil-hinijiet l-aktar popolari. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ispettura Borg, persuna ddedikata hafna fuq xogholha, li dejjem taghtina l-assistenza taghha.

## 4.2 It-Toroq taz-Zona tal-Grazzja

Huwa fatt maghruf li t-toroq tal-Grazzja huma fi stat hazin hafna. Kunsilli precedenti kienu anke hargu t-tenders sabiex jinghata wicc gdid lil dawn it-toroq. L-unika kuntrattur li kien tefa' l-offerta tieghu baqa' qatt ma beda ghal ragunijiet li jaf hu biss u filfatt dan wassal sabiex tinfetah kawza kontrieh fil-Qorti. Sussegwentement inhargu diversi sejhiet ohra, liema prezz imbaghad ttrippla u ghaldaqstant dan il-progett kien impossibli li jsir minhabba li kienu ghaddejjin progetti ambizzjuzi ohra gewwa Haz-Zebbug, jigifieri Vjal il-Helsien u t-toroq ta' Hal Mula.

Toroq li ghandhom iktar minn sittin fil-mija hsara u dawk li qatt ma naghtaw wicc jaqghu taht ir-responsabilita ta' TM. U hafna mit-toroq taz-zona tal-Grazzja jaqghu f'wahda minn dawn iz-zewg kategoriji. Ghalhekk kemm il-Kunsill precendenti u dan il-Kunsill tkellmu ma' Transport Malta sabiex la dawn it-toroq jaqghu taht ir-responsabilita taghha, jsiru mit-Transport Malta. L-affarijiet ma jkunux facli daqs kemm wiehed jahseb ghaliex wara kollox Transport Malta ghandha 'il fuq minn sittin rahal iehor, kif ukoll it-toroq arterjali. U barra minn hekk wiehed irid izomm f'mohhu li qabel ma jinghata l-wicc, huwa neccessarju li l-entitatijet l-ohra bhal Water Services jaraw x-xogholijiet li jridu jsiru bhala tibdil ta mains, sabiex jonqos ic-cans li jkun hemm hsarat wara li tinbena t-triq.

Sabiex tittaffa xi ftit il-problema, dan l-ahhar inghata patching mill-haddiema tal-kunsill stess. Dan l-eżerçizzju partikolari sar bil-kollaborazzjoni kontinwa

tal-ħaddiema li huma mislufa lill-Kunsill bħala parti mill-iskema tal-*Community Work Scheme*. Ta' min jinnota li dawn il- ħaddiema bl-impenn tagħhom fuq dan ix-xogħol frankaw eluf kbar ta' flus lill-istess kunsill għax kieku dawn ix- xogħlijiet fuq it-toroq kellhom isiru minn kuntratturi, l-ispiza kienet tkun ferm ghola.

Naccertakom li qeghdin naghmlu l-almu taghna sabiex, iz-zona kollha tinghata wicc gdid. Wiehed irid izomm f'mohhu li kull entita, kull awtorita tinghata budget fis-sena, u trid izzomm mieghu.

## 4.3 Bieb de Rohan

Il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bis-sehem sħiħ tad-Direttorat tar-Restawr, nieda skema ta' restawr ta' postijiet storiċi, ġewwa l-lokalitajiet fil-gżira ta' Malta biss. Il-Kunsill Lokali taghna haseb li jkun xieraq li ghal din l-iskema nersqu bil-proposta li jsir restawr fuq Bieb de Rohan li ghalkemm mhuwiex proprjeta tal-Kunsill izda proprjeta tal-Knisja, wara kollox huwa mafkar taz-Zebbugin kollha u ghalhekk jehtieg li jkun fi stat tajjeb. Nittamaw biss issa illi l-applikazzjoni taghna tintlaqa u x-xoghol jinbeda kemm jista jkun malajr.

Nixtieq nirringrazzja lill-Arcipriet taghna Dun Daniel Cardona li tana l-kunsens tieghu sabiex din l-applikazzjoni setghet issir. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Kunsillier il-Perit Chris Bongailas talli ghamel ix-xoghol

perizjali fuq din il-proposta senza nteressi, kif ukoll xoghol iehor relatat mas-sitwazzjoni infrastrutturali tat-toroq gewwa Haz-Zebbug.

## 4.4 Manutenzjoni tal-Blokok tal-Gvern

Ghal darb'ohra l-Kunsill Lokali taghna qed jahdem id f'id mal-Awtorita' tad-Djar sabiex issir manutenzjoni fil-komun tal-blokok tal-Flats tal-Gvern. Din id-darba kien imiss lill-blokok tal-flats ta' Hal Mula. Minn ghaxar blokok, disgha biss kienu nteressati. Din l-iskema toffri sa' hamest elef Euro ghal xoghol fil-komun ghal kull blokka.

Minn informazzjoni li ghandna jidher li ser jigri l-istess is-sena d-diehla u ghaldaqstant ghat-tielet darba l-Kunsill ser ikun qed jghin lin-nies li jghixu fil-flats tal-Gvern li hawn Haz-Zebbug sabiex jkollhom residenzi dejjem xierqa ghaz-zminijiet tal-lum.

## 4.5 Vjal il-Helsien

L-investiment li sar fuq Vjal il-Helsien jammonta ghal Eur1,412,365. Minn dan l-ammont Eur400,000 inghataw mill-Gvern Centrali. Dan halli bilanc ta' madwar Eur1,100,000. S'issa l-ammont total li thallas mill-Kunsill inkluz l-Eur400,000 li nghataw mill-Gvern, huwa ta'Eur775,000. Meta gie approvat u ffirmat dan il-kuntratt, il-ftehim kien jghid, bhal kull ftehim iehor tal-Public Private Partnership li ghal ammont konsiderevoli ta' xhur, il-Kunsill taghna ser ikun qed johrog pagamenti kull xahar sabiex jithallas dan il-progett. Dawn il-

pagamenti ta' madwar Eur17,000 fix-xahar ghandhom jibqghu ghaddejjin sa nofs is-sena 2018. B'kollox f'dawn l-ahhar tnax-il-xahar thallsu ftit aktar minn Eur 300,000.

## 4.6 Hal Mula

L-investiment li sar gewwa t-toroq ta' Hal Mula jaqa ukoll taht Public Private Partnership. Il-PPP jaghti l-facilita li dawn l-investimenti jithallsu fuq perjodu ta snin, normalment ta' 8 snin. Fuq Hal Mula ghad baqa bilanc ta' Eur500,000. Izda kif hafna minnkom jafu, specjalment dawk li jghixu fiz-zona, b'referenza ghal Triq Guliermu Lorenzi u t-toroq li jmissu maghha, parti minnha, kienet inqalghet u thalliet imharbta ghall-numru ta' xhur. Dan wassal ghall-inkonvenjent kbir. Mhux sewwa li l-kuntrattur ghax kellu xoghol iehor band'ohra, din iz-zona hallieha hekk. Ghalhekk Kunsill qabbad kuntrattur iehor sabiex ikompli dan ix-xoghol. Pero l-Kunsill kien iddecieda li l-affarijiet m'ghandhomx jieqfu hawn. Ghaldaqstant waqqaf il-pagamenti immedjatament, u l-kaz bhalissa qieghed quddiem arbitragg. Tajjeb li tkunu tafu li l-kuntratt fih klawsola li tghid li ghal kull gurnata dewmien minn naha tal-kuntrattur, hemm penali ta Eur2000. Issa sta ghall-provi u x-xhieda li jigu mharrka, sabiex jigi determinat kemm ghandhom ikunu dawn il-penali, ghaliex ovvjament bhal ma wiehed jistenna, l-kuntrattur qed jghid li dan id-dewmien mhuwiex tort tieghu izda tort tal-entitajiet tas-servizzi, u bl-ebda mod m'hu qed jammeti li halliena nofs lehja.

## 4.7 Progett ta’ kontra l-gharghar

F’Mejju ta’ din is-sena gie nnawgurat il-progett ta’ kontra l-gharghar li kien jirrikjedi xoghol tul dawn l-ahhar erba’ snin. Originarjament ix-xoghol kellu jasal sa fejn il-Knisja Arcipretali izda imbaghad grazzi ghall-intervent f’waqtu mill-Kunsill, ix-xoghol gie estiz sa’ fejn il-Kappella tal-Lunzjata, imbaghad gebbed ‘l hemm u gebbed ‘l hawn il-mina ta’ taht l-art telghet sa fejn Triq il-Kbira tiltaqa ma’ Triq il-Mithna. L-ahhar fazi tal-progett kienet tikkonsisti f’culverts li nbdew minn Triq it-12 ta’ Mejju sa fejn spiccat il-mina biex b’hekk ikun qed jinholoq passagg taht l-art fejn l-ilma jibqa ghaddej sa Wied Qirda minghajr ma jikkawza hsarat. Grazzi wkoll ghall-intervent mis-Segretarjat responsabbli mill-Fondi tal-Unjoni Ewropeja, parti minn Triq il-Kbira nghatat wicc gdid.

## *4.8 Korsijiet tal-Kompjuter u l-Informatika*

Din is-sena l-Kunsill kompla jorganizza sensiela ta’ korsijiet fl-użu tal-kompjuter u l-informatika permezz ta’ koperazzjoni mal-*Malta Communications Authority (MCA).*

Ġew organizzati żewġ korsijiet. L-ewwel wieħed kien dwar ***Introduzzjoni għall-internet***. Dan il-kors introduttorju kien miftuħ għal adulti li qatt ma użaw l-***internet*** u l-kompjuter. It-tieni kors kien dwar l-***Internet u x-Xogħol*** Dan il-kors kien intiż li jgħaqqad l-użu tal-***Internet*** mal-post tax-xogħol u kif wieħed jista’ jħaffef il-proċess tax-xogħol tiegħu billi jagħmel użu mill-***Internet*** anki

biex ikun jista’ jsib xogħol u kif wieħed jippreżenta CV, fost ħafna affarijiet oħra.

## 5. Attivitajiet

Il-Kunsill Lokali ha hsieb ukoll jorganizza diversi hargiet. Issa s-sottokumitat qieghed taht id-direzzjoni tal-Kunsillier Philip Said. Dawn l-ahhar xahrejn giet organizzata harga informattiva fil-Parlament il-Gdid kif ukoll gurnata Ghawdex. Il-gimgha d-diehla ser issir harga interessanti hafna ghall-Muzew Marittimu u l-Palazz ta’ L-Inkwizitur. Minn zmien ghal zmien ser ikunu qeghdin jigu organizzati mawriet ta’ dan it-tip. Inheggigkom toqoghdu attenti ghan-noticeboards tal-Kunsill li jkun fihom informazzjoni dwar dawn il-hargiet.

Fil-bidu ta’ dan ix-xahar, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Parrocca organizza wkoll it-tberik tal-annimali. Nistghu nghidu li kienet success, grazzi ghall-interess li ntwera mit-tfal u anke mis-sidien taz-zwiemel.

Il-Kunsill Lokali jiehu hsieb ukoll sahhitkom . Ghal darb’ohra din is-sena, il-Kunsill Lokali taghna ser ikun qed joffri l-injezzjoni kontra l-influwenza. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Vince Ciappara, jew kif nafuh ahjar bhala Censu, ghas-sehem attiv tieghu sabiex tkun tista’ tinghata din l-injezzjoni.

Is-sottokumitat dwar is-sahha, ser ikunu qed jorganizza wkoll talks dwar diversi suggetti li jittrattaw is-sahha, fosthom l-artrite, d-dipressjoni u suggetti varji ohra.

## 6. Ħidma mar-Reġjun Nofsinhar

Mill-2010 'l hawn il-Kunsilli Kollha ta' Malta u Għawdex ġew miġbura fi ħdan Kumitati Reġjonali. Ħaż-Żebbuġ jagħmel parti mir-Reġjun Nofsinhar. F' dan ir-reġjun hemm 14-il Kunsill Lokali li, apparti Ħaż-Żebbuġ huma Ħal-Qormi, Is-Siġġiewi, il-Qrendi, l-Imqabba, iż-Zurrieq, Ħal-Safi, Ħal-Kirkop, Birżebbuġa, il-Gudja, Ħal-Għaxaq, Santa Luċija, Ħal-Luqa u l-Ħamrun. B' kollox hemm popolazzjoni ta' 92,000 ruħ.

Ir-regjun mill-profitti li jibqalu wara li jifdi s-servizzi relatati mal-wardens u l-ispejjez amministrattivi li ghandu, jghaddi diversi ghajnuniet lill-Kunsilli li jaqghu fi hdanu fosthom investiment fil-librerija, facilitajiet li jzidu l-accessibilta, tabelli fit-toroq u ammonti ohra li jtaffu xi ftit mill-ispejjez li jkollu kull Kunsill.

## 7. Finanzi

Tajjeb li ngħidu kelma dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Tajjeb li nibda billi ngħid li l-Kunsill jirċievi biss € 740,000 fis-sena minn għand il-Gvern Ċentrali. Minn dawn il-flus il-Kunsill irid jibda billi jwarrab € 65,000 biex

iħallas lill-*Wasteserv* għall-iskart li narmu fl-impjant ta' Sant' Antnin u l-*engineered landfill* tal-Magħtab.

B' li jifdal il-Kunsill irid iħallas lill-kuntratturi kollha li għandu jiġifieri tal-ġbir tal-iskart, knis, *soft areas*, latrina, qtugħ ta' ħaxix, bdil ta' bozoz, minbarra l-ispejjez amministrattivi li jinkludu wkoll is-salarji u l-pagi tal-impjegati u l-onorarja tas-Sindku u Kunsilliera, kif ukoll irid jonora l-ftehim dwar il-pagamenti li jridu jsiru ta' kull xahar fuq Vjal il-Helsien. Dawn l-ispejjeż amministrattivi li jitilgħu għal € 120,000 ifisser li jkun fadlilna biss € 555,000 biex inwettqu l-ħidma tagħna. Fuq dawn ikollna nħassu wkoll il-VAT li fil-kaz tagħna tammonta għal € 110,376, li din terga tmur lura ghand il-Gvern. Minn dawn il-€ 555,000, ikunu jridu jithallsu :

| | |
|---|---|
| **Gbir tal-iskart bieb bieb** | **€132,000** |
| **Knis** | **€72,000** |
| **Tindif tal-latrina** | **€12,000** |
| **Tindif ta-toroq tar-raba' u qtugh ta haxix** | **€23,000** |
| **Zamma tas-soft areas** | **€18,000** |
| **Pagamenti Vjal il-Helsien** | **€204,000** |
| **Accountant** | **€4,000** |
| **Perit (Vjal il-Helsien)** | **€24,000** |
| **Tibdil ta bozoz u bozoz godda** | **€36,000** |
| **Kontijiet pendenti ohra** | **€30,000** |
| **TOTAL** | **€555,000** |

Qed ngħid dan kollu biex ħadd ma jaħseb li l-Kunsill, bħall-Kunsilli Lokali l-oħra kollha għandu xi bir bla qiegħ ta' flus. Anzi l-fondi tagħna huma limitati u limitati ħafna. F' dan il-kuntest wieħed għandu japprezza ferm aktar il-ħidma li

saret u li se tkompli ssir. Konna ambizzjużi u se nkomplu nkun ambizzjużi għax nemmnu li Ħaż-Żebbuġ ħaqqu l-aħjar.

Ovvjament irridu noqgħodu attenti kif nippjanaw. Il-proġetti kbar li dħalna għalihom, bħal Vjal il-Ħelsien u ż-żona ta' Ħal-Mula ifissru li hemm żbilanċ. Għandna programm ta' pagamenti u għalhekk dan il-piż mhux se jaqtalna qalbna. Ifisser biss li rridu nħaddmu moħħna aktar biex inġibu għajnuna aktar minn sorsi oħra biex inkomplu bil-ħidma tagħna biex intejbu lil Ħaż-Żebbuġ

## ***8. It-Triq 'il quddiem***

Kif ghidt qabel sabiex isiru toroq, ninħtieġu l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali għax il-qagħda preżenti tal-finanzi tal-Kunsill ma tippermettix li nerfgħu aktar piż finanzjarju minn dak li diġà għandna. Sabiex tigi mnaqqsa l-ispiza tal-Kunsill u anke minhabba l-fatt li rridu nuru rieda tajba li mhux qed isiru spejjez bla bzonn, il-Kunsill unanimament qabel li ma jsirux d-dekorazzjonijiet tal-Milied, ma jsirux attivitajiet kulturali ta' skala kbira, filwaqt li jzomm mal-funzjonijiet bazici tieghu kif wara kollox huwa stipulat fil-ligi li tirregola l-Kunsilli kollha.

## ***9. Għeluq***

Jiddispjacini jekk hadt fit-tul izda nhoss li din l-informazzjoni ghandha tasal lilkom kif jghidu bl-Ingliz, 'straight from the horse' s mouth'. Illum il-gurnata, il-media socjali u hawn qed nirreferi ghal facebook, qieghda sservi ta' deni daqs kemm isservi ta' gid, fejn nies joghgobhom jikkritikaw lili u lil shabi bl-addocc, ghax hekk ikun jaqbel lilhom u ghax forsi ikollhom xi hames minuti

ta’ pawsa fejn dawn jitkellmu biss dwar il-hazin. Ma jkunx hekk dejjem il-kaz imma fil-maggor parti tal-kazijiet din tkun il-prassi. Tajjeb li dawn in-nies jghidulna huma b’liema mod qeghdin jghinu sabiex Haz-Zebbug ikun ahjar. Possibli kulhadd johrog il-borza taz-zibel fil-hin li suppost jaghmel dan? Hadd qatt ma jara lil hadd jaghmel xi haga hazina? Il-majjali li jintremew fil-widien ta’ madwar ir-rahal minn daqqiet ikunu shah u minn daqqiet ikunu mqatta fi xkejjer, hadd qatt ma jara xejn? Il-bring-in-sites qeghdin nuzawhom kif suppost ghandna nuzawhom? Qeghdin nuzawhom ghar-riciklagg jew ghax inhossuna komdi aktar nitfghu l-borza is-sewda hemm ukoll? Tafu li gieli ntremew anke sahansitra annimali fil-bring-in-sites? Jew ahna nhossuna aktar komdi nikkritikaw milli nippruvaw nghinu sabiex dan l-abbuz jinqata? Tafu li ahna narmu skart fil-borza is-sewda, id-doppju ta’kemm suppost narmu? Qeghdin nirricklaw kif suppost?

Dawn u hafna aktar punti ta’ min jirrifletti fuqhom. Il-Kunsill Lokali taghna jaghmel il-parti tieghu hafna drabi bla ebda daqq tat-trombi, imma dan mhux bizzejjed. Ghadna bzonn nahdmu id f’id. Ftit ftit naslu. Nirringrazzjakom ta’ l-attenzjoni.

**Paula M. Valletta,**
**Segretarju Eżekuttiv.**